# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell Numru: 12/2011**

**JOSEF BORG GRECH**

**Vs**

**AWTORITA GHAT-TRASPORT F'MALTA**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija mit-Tribunal ghar-Revizjoni Amministrattiva tas-17 ta' Settembru 2012 fejn gie deciz:-

*"**It-Tribunal,***

*Ra r-Rikors ipprezentat minn Josef Borg Grech fid-9 ta' Novembru 2009 permezz ta' liema jitlob li jigi: (i) dikjarat li ma kienx hemm raguni valida fil-Ligi ghall-awment fl-ammont ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq iz-zewg vetturi ta' l-ghamla Land Rover Defender rispettivament bin-Numri ta' Registrazzjoni*

*SP02NWN u M240MFX mitluba mill-Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta u minnu imhallsa fid-29 ta' Settembru 2009; u li jigi (ii) determinat li l-ammont dovut bhala taxxa ta' registrazzjoni fuq l-imsemmija zewg vetturi huwa inqas minn dak minnu imhallas; u li konsegwentement (iii) l-Awtorità tigi ordnata tirrifondilu l-bilanc zejjed li gie kostrett ihallas fid-29 ta' Settembru 2009 ammontanti ghal €3,745.79, u dana skond l-Artikolu 11A(5) tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur u markati Dok. "JBG1" sa' Dok. "JBG4" a fol. 1 sa' 4 tal-process;*

*Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u titlob li l-istess jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu, stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u d-decizjoni appellata hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata;*

*Sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ottubru 2011 u ix-xhieda ta' Joseph Mifsud moghtija waqt is-seduta tas-6 ta' Marzu 2012 u rat id-dokument esebit minn Joseph Mifsud waqt dik is-seduta u markat Dok. "JM1" a fol. 37 tal-process;*

*Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;*

*Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;*

***Ikkonsidra:***

*Il-proceduri odjerni gew istitwiti mir-Rikorrent in bazi ghal dak provdut fl-Artikolu 11A tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament fis-subregolamenti (1) u (2) li fid-data tal-prezentata ta' dawn il-proceduri, ossia fid-9 ta' Novembru 2009, kienu jipprovdu li: (1) Kull persuna li tkun hallset jew li ghandha thallas taxxa fuq ir-registrazzjoni ta' vettura tista' tappella kontra l-*

*ammont ta' taxxa li jigi impost; (2) Appell taht dan l-artikolu ghandu jsir lill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Trasport, skond il-procedura stabbilita taht l-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta: Izda ghall-finijiet ta' dan l-Att, id-dritt dovut ghall-prezentata ta' l-appell lill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Trasport ghandu jkun hamsin euro (€50).*

*Bid-dhul fis-sehh ta' l-Att XV ta' l-20093 – l-Att dwar l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta (Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta) – u senjatament ta' l-Artikolu 40(2) ta' dak l-Att, li jipprovdi li dawk il-procedimenti li minnufih qabel jigi fis-sehh dan l-artikolu jkunu pendenti quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Trasport imwaqqaf bl-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, ghandhom, b'effett mill-1 ta' Settembru 2009, jigu assenjati lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva msemmi f'dan l-artikolu ghad-decizjoni tieghu u minn hemm 'il quddiem ghandhom jigu regolati bid-disposizzjonijiet tat-Taqsima III ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, l-Appellipprezentat mir-Rikorrent gie trasferit ghal quddiem dan it-Tribunal ghat-trattazzjoni u decizjoni dwar it-talbiet tieghu.*

*3 Fl-1 ta' Jannar 2010, Avviz Legali 349 ta' l-2009.*

*Ir-Rikorrent ipprezenta l-Appell tieghu fil-konfront ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta li fiz-zmien tal-prezentata ta' l-istess Appell kienet l-awtorità kompetenti biex, fost affarijiet ohra, timponi u tigbor it-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi. Madanakollu però il-funzjonijiet u setghat li kienu vestiti fl-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta gew assenjati lill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta bis-sahha tal-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta u bis-sahha ta' l-Artikolu 38(2) ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi, l-interess guridiku ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta fi proceduri istiwtiti minn jew kontriha qabel id-dhul fis-sehh ta' dak l-Att gew assenjati lill-Awtorità ghat-Trasport f' Malta. Ghalhekk l-*

*Awtorità ghat-Trasport f' Malta ghandha tidhol fil-proceduri in ezami minflok l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.*

*Fil-kaz in ezami l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta ma ghamlitx dikajrazzjoni formali li biha tassumi l-atti tal-kawza qua intimata minflok l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta izda mill-atti processwali u senjatament mir-Risposta ghall-Appell tar-Rikorrent ipprezentata fid-19 ta' Mejju 2011, johrog b'mod car li bhala fatt l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta assumiet dawn il-proceduri minflok l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta. Fid-dawl ta' dan kollu hija l-fehma tat-Tribunal li huwa necessarju li fl-okkju tal-proceduri u kull fejn necessarju fl-atti, issir id-debita korrezzjoni biex ikunu riflessi l-partijiet kontendenti attwali f'dawn il-proceduri u ghalhekk jehtieg li l-kliem "L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta" fl-okkju tal-kawza u kull fejn jidhru fl-atti processwali jigu ikkancellati u sostitwiti bil-kliem "L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta".*

*Trattata din il-kwistjoni jehtieg issa li jigi trattat il-meritu proprio ta' l-Appell intavolat mir-Rikorrent.*

*Fir-Rikors ta' l-Appell tieghu r-Rikorrent jesponi l-fatti tal-kaz bil-mod segwenti:*

*• Fl-2008 kien importa mill-Ingilterra zewg vetturi ta' l-ghamla Land Rover Defender rispettivament bin-Numri ta' Registrazzjoni SP02NWN u M240MFX u mal-wasla taghhom hawn Malta beda l-procedura necessarja ghall-fini tar-registrazzjoni u konsegwenti licenzjar ta' dawn il-vetturi ma' l-awtorità kompetenti, dak iz-zmien l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta;*

*• Il-vetturi importati minnu gew spezzjonati minn ufficjali ta' l-Awtorità u fl-Lulju 2008 hargu zewg avvizi li bihom gie infurmat bl-ammont ta' taxxa ta' registrazzjoni u ta' taxxa fuq il-valur mizjud li kellu jhallas fuq kull wahda minn dawk il-vetturi;*

*• L-avviz relattiv ghall-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni SP02NWN hareg fl-14 ta' Lulju 2008 u gie infurmat li t-taxxa ta' registrazzjoni fuq dik il-vettura kienet tammonta ghal €3,814.00 u t-taxxa fuq il-valur mizjud ghal €691.38. Skond dak l-avviz dawk l-ammonti kellhom jithallsu u l-process ta' registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni kellu jigi finalizzat sa' l-14 ta' Awwissu 2008;*

*• L-avviz relattiv ghall-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni M240MFX hareg fil-25 ta' Lulju 20085 u gie nfurmat li t-taxxa ta' registrazzjoni kienet tammonta ghal €3,447.47 u t-taxxa fuq il-valur mizjud ghal €620.54. Skond dak l-avviz dawk l-ammonti kellhom jithallsu u l-process ta' reigstrazzjoni tal-vettura in kwistjoni jigi finalizzat sal-25 ta' Awwissu 2008;*

*• Ghalkemm huwa ircieva dawn l-avvizi, ried jaghmel xi xoghlijiet ta' tiswija fil-vetturi in kwistjoni peress illi kienu daneggjati u ghalhekk ma effettwax il-hlas u konsegwenti registrazzjoni tal-vetturi entro t-terminu lilu prefiss mill-Awtorità;*

*• Fl-2009, meta dahlu fis-sehh regolamenti godda dwar ir-registrazzjoni u licenzjar ta' vetturi, huwa mar ghand l-Awtorità biex jirregistra z-zewg vetturi in kwistjoni u jhallas it-taxxa ta' registrazzjoni dovuta fuqhom. F'dak l-istadju gie infurmat li t-taxxa ta' registrazzjoni li kellu jhallas fuq kull wahda miz-zewg vetturi ma kenitx f'dawk l-ammonti indikati fl-avvizi li kien ircieva fl-2008 izda f'ammonti li skontu kienu jeccedu bil-kbir l-ammonti indikati fl-imsemmija avvizi;*

*• Ir-raguni li nghata ghal tali zieda kienet li l-ADT bidlet il-gwida ta' valutazzjoni ta' vetturi uzati u skond il-gwida l-gdida kienu jiswew aktar;*

*• Fid-29 ta' Settembru ta' l-2009 hallas it-taxxa ta' registrazzjoni fuq kull wahda miz-zewg vetturi fl-ammonti issa mitluba, ossia s-somma ta' €6,074.88*

*in kwantu rigwarda l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni SP02NWN u s-somma ta' €4,959.38 in kwantu rigwarda l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni M240MFX.*

*Wara l-hlasijiet effettwati fid-29 ta' Settembru 2009 ir-Rikorrent intavola l-Appell odjern fejn qed jikkontesta iz-zieda tal-ammont ta' taxxa ta' registrazzjoni imposta fuq kull wahda miz-zewg vetturi ghaliex skontu: (i) m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghal dan l-awment fit-taxxa ta' registrazzjoni minnu mhallsa; u ghaliex (ii) minhabba t-tip ta' vetturi li huma, u cioè vetturi kummercjali ghall-uzu b'mod partikolari fl-agrikoltura, jippretendi li, se mai, sena wara li huwa kien inghata l-Avviz ta' registrazzjoni kif inghad iktar 'l fuq, dawn il-vetturi kellhom ikomplu jiddepprezzaw tul din l-ahhar sena, u mhux japprezzaw kif jidher li hija l-fehma tal-ADT fil-kaz odjern, u jitlob ir-refuzjoni tad-differenza bejn dak li huwa hallas fid-29 ta' Settembru 2009 u dak li gie mitlub ihallas bl-avvizi li hargu rispettivament fl-14 ta' Lulju 2008 u fil-25 ta' Lulju 2008, u cioè €1,511.91 u €2,233.88, komplessivament ammontanti ghal €3,745.79.*

*Ir-Rikorrent ikkonferma dak minnu espost fir-Rikors ta' l-Appell fix-xhieda li ta waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ottubru 2011 u dwar kif zvolgew l-affarijiet wara li rcieva z-zewg avvizi ghall-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni u taxxa fuq il-valur mizjud fuq il-vetturi in kwistjoni fl-2008, xehed illi meta mort biex inhallas lill-Awtorità, il-persuna li kellmitni fil-counter li però ma nafx x'jisimha qaltli li ma stajtx inhallas dawn l-ammonti u nohrog dawn il-vetturi fit-triq peress li kienu damaged u riedet certifikat minn Inginier li saru it-tiswijiet fuqhom u allura gew tajbin. Jiena staqsejtha jekk ridtx naghmel VRT u infurmatni li l-VRT wahdu ma kienx bizzejjed. F'dak l-istadju allura jiena staqsejt lil din il-persuna jekk vetturi registrati però minflok ma jinhargu fuq it-triq jigu garaged ma setghatx tirrispondini u qabditni ma' certu Gilbert Agius. Jiena nahseb li kien jismu Gilbert Agius ghalkemm ma nafx mija fil-mija certa. Din il-persuna ghall-*

*inqas kien qalli li xorta ma setghux jaccettaw li l-vetturi jigu registrati anki jekk jigu garaged; riedu bilfors certifikat ta' l-Inginier. Meta sirt naf hekk jiena bdejt naghmel ix-xoghlijiet fuq dawn iz-zewg vetturi. Ix-xoghlijiet hadu certu ammont ta' zmien ghax jiena naturalment kelli nibqa' ghaddej bix-xoghol li kelli. Eventwalment certifikati hargu però c-certifikat ta' wahda mill-vetturi ma huwiex ghandi izda qieghed fil-file ta' l-Awtorità. Fir-rigward ta' vettura ohra minnhom qaluli li c-certifikat ma kellhomx bzonnu u dana billi mill-Ingilterra d-danni fil-vetturi jigu kklassifikati u z-zewg vetturi wahda kienet Category C u l-ohra Category D. Tal-Category C riedu c-certifikat minhabba t-tip ta' danni filwaqt li l-vettura li kienet taqa' taht il-Category D ma kellhomx bzonn ic-certifikat. Malli l-Inginier harigli c-certifikat jiena mort mal-ewwel l-ADT biex inhallas it-tax registration dovuta fuq iz-zewg vetturi. Il-hlas jiena però ghamiltu under protest. Meta jiena mort biex inhallas it-tieni darba jigifieri wara li saru t-tiswijiet kellha terga' ssir revaluation taz-zewg vetturi u din id-darba l-valutazzjoni ghamluhieli differenti. Saz-zmien meta mort inhallas it-tieni darba l-VAT kienu nehhewha u jekk mhux sejjer zball kont hallast it-tax registration biss. Dawk l-ammonti li spiccajt biex effettivament hallast bhala tax registration fuq iz-zewg vetturi huma indikati Dok. "JBG3" u Dok. "JBG4". Nikkonferma li minn dawn id-dokumenti jirrizulta li l-VAT dak iz-zmien kienet tnehhiet. Ir-raguni li nghatajt mill-Awtorità u l-varjazzjoni f'dan l-ammont kienet billi nbidlet il-policy kif kienu jaghmlu l-valuation. Ghall-ewwel qalli li kienu jiehdu hsieb il-ktieb Glass Guide izda imbaghad bdew juzaw CD li kienu jgibu minn xi dipartimenti u l-parametri allura kif issir il-valuation huma differenti bejn il-ktieb u dan is-CD, però madanakollu l-klassi tal-karozza baqghet l-istess. Dawn iz-zewg vetturi ma jistghux jitqiesu bhala classic cars u allura l-valur taghha ma jistax jizdied. Meta kont naghmel inspections ta' dan it-tip ta' vetturi, Joe Mifsud kien jghidli li dawn it-tip ta' vetturi jiehdu l-istess prezz sija jekk ikunu damaged u anki jekk ikunu tajbin.*

*L-Awtorità intimata tirribatti għat-talbiet tar-Rikorrent bl-affermazzjoni li d-deċizjoni tagħha li timponi taxxa ta' registrazzjoni fl-ammonti rispettivi ta' €6,074.88 fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni SP02NWN u ta' €4,959.38 fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni M240MFX, hija legali u ġusta, u b'hekk għandha tiġi kkonfermata. Joseph Mifsud, in rappreżentanza ta' l-Awtorità intimata, xehed illi fil-preżent l-Awtorità tibbaża l-valutazzjonijiet tal-vetturi fuq is-sistema tal-CAP filwaqt illi bejn l-2007 sa' meta qalbet għas-sistema tal-CAP kienet tibbaża l-valutazzjonijiet tagħha fuq Glass's Car Guide Book. Xehed ukoll li b'effett mit-30 ta' Lulju 2007 'l hawn l-Awtorità intimata ma baqgħetx tieħu in konsiderazzjoni l-kondizzjoni tal-vettura in kwistjoni għall-fini li jiġi stabbilit il-valur ta' registrazzjoni tal-vettura biex tinħadem it-taxxa ta' registrazzjoni dovuta fuqha izda tara l-valur li tingħata mill-gwidi li ssegwi u tikkonverti dak il-valur għall-Euro. Huwa in oltre ddikjara li kemm-il darba r-Rikorrent intalab engineer's report għall-waħda miż-żewġ vetturi in kwistjoni, dana ma ntalabx għall-finijiet ta' taxxa tar-registrazzjoni izda għall-finijiet ta' liċenzjar tal-vettura bħala konferma li l-istess vettura hija road worthy.*

*Il-partijiet saljenti tax-xhieda li Joseph Mifsud ta waqt is-seduta tas-6 ta' Marzu 2012 huma s-segwenti: bħala proċedura l-valutazzjoni ssir minn fuq il-Glass's Guide Book li huma kotba li nirċievu mill-Ingilterra li fuqhom ikun hemm il-valuri tal-vetturi kollha li jiġu impurtati. F'dan il-każ dawn iż-żewġ vetturi ġew valutati skond id-data u z-żmien tagħhom. Biss rigward il-kondizzjoni tagħhom dan ... ma kienx għadha in vigore li niehdu l-kondizzjoni tal-vettura jiġifieri kemm naqbdu l-valur tal-Glass's Guide Book sempliċement naqilbuh Euro biss. Skond ir-rata tal-kambju ta' dakinhar. ... Il-proċedura mill-Glass's Guide Book kienet ilha ssir minn meta, anke tad-dwana jiġifieri minn dejjem kważi biex ngħidu hekk. Biss il-kwistjoni li ma tiġix ikkunsidrata il-kundizzjoni tal-vettura ġiet in vigore fit-30 ta' Lulju 2007. Hawnhekk għandi*

*dokument mill-Gazzetta tal-Gvern ta' dak iz-zmien, fejn turi li bhala kundizzjoni tal-vettura ma tigi kkunsidrata. ... Bhala hlas, bhala registrazzjoni kif digà avzajt qabel jiena, li jiena kull ma ghandi x'naqsam mal-valutazzjoni. Minn dik il-parti jiena ma kontx qed niehu in konsiderazzjoni kif gia ghidt il-kundizzjoni l-bqija bhala parti ohra imbaghad tikkoncerna l-licensing office. ... bhala valutazzjoni issa qlibna ghal mal-CAP, kumpanija ohra. ... biss ahna wiritna l-Glass's Guide Book fl-2004 meta qlibna ghall-EU.*

*Ikkunsidrati l-posizzjonijiet rispettivi tar-Rikorrent u ta' l-Awtorità intimata jehtieg issa jigi kkunsidrat x'tipprovdi l-ligi dwar ir-registrazzjoni ta' vetturi importati f'Malta, anke f'kaz ta' vetturi uzati, u dana b'attenzjoni partikolari ghal dak li kienet tipprovdi fl-2008 u fl-2009, li huma z-zminijiet pertinenti fil-kaz in ezami.*

*L-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta,* ***fil-prezent*** *jipprovdi li l-ebda persuna ma ghandu jkollha fil-pussess taghha jew taht ir-responsabbiltà taghha xi vettura bil-mutur li ma tkunx giet irregistrata ma' l-Awtorità u li fuqha t-taxxa ta' registrazzjoni applikabbli ma tkunx thallset sakemm – (a) dik il-persuna ma tkunx il-manifattur awtorizzat, agent jew bejjiegh tal-vetturi bil-mutur u li l-vettura fil-pussess taghha jew taht ir-responsabbiltà taghha ma tkunx qed tigi uzata fuq it-triq, jew (b) il-vettura tkun registrata f'pajjiz iehor u tkun tista' tintuza temporanejament fit-toroq f'Malta skond l-artikolu 18 – Artikolu 3A tal-Kap.368. Dan il-provvediment tal-Ligi gie introdott bis-sahha ta' l-Att VI ta' l-2009 izda l-obbligu tal-hlas ta' taxxa fuq ir-registrazzjoni ta' vetturi importati f'Malta ilu jezisti ghal zmien konsiderevoli fis-sistema legali taghna u in effetti l-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur kien gie introdott fis-sistema legali taghna bis-sahha ta' l-Att X ta' l-1994, li dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1994.*

*L-imsemmi Att X ta' l-1994 kien jipprovdi, taht l-Artikolu 3, li ghandu jintalab u jingabar mill-Ufficjal Kompetenti f'isem il-Gvern dazju tas-sisa bir-rata jew fl-ammont specifikat f'dan l-Att malli ssir ir-registrazzjoni ta' kull vettura bil-mutur li tigi importata gewwa Malta u li tinhareg mid-Dwana fl-ewwel ta' Jannar 1994 jew wara dik id-data u ta' kull vettura bil-mutur manifatturata f'Malta f'dik id-data jew f'kull data ohra li tigi wara. In kwantu r-rata ta' taxxa l-Artikolu 8 ta' l-Att X ta' l-1994 kien jipprovdi li t-taxxa ghandha tkun dovuta ad valorem fuq il-valur ta' registrazzjoni ta' vettura bil-mutur li jkollha klassifika jew klassifika provizorja skond l-Ewwel jew it-Tieni Skeda li jinsabu ma' dan l-Att bir-rata jew fl-ammont hemm specifikat ghar-rigward ta' kull kategorija rispettiva suggett ghal kull inqas ammont ta' taxxa hemm specifikat, u in kwantu rigwarda l-valur ta' registrazzjoni l-Artikolu 9 ta' l-Att X ta' l-1994 kien jipprovdi li: (1) il-valur ta' registrazzjoni ta' vettura bil-mutur importata gewwa Malta ghandu, kemm-il darba ma jigix preskritt mod iehor, jigi stabbilit bl-istess mod bhal dak provdut fl-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni jew f'kull ligi ohra li tidhol minflok dak l-Att ghar-rigward tal-valur li fuqu ghandu jithallas id-dazju ad valorem fuq oggetti importati gewwa Malta u ghal dan il-ghan id-disposizzjonijiet ta' dak l-Att jew ta' dik il-ligi li tidhol minflok dak l-Att kif imsemmi qabel ghandhom ikunu jghoddu mutatis mutandis ghal dan l-Att. (2) Il-valur ta' registrazzjoni ta' vettura bil-mutur manifatturata f'Malta ghandu, kemm-il darba ma jigix preskritt mod iehor, ikun il-prezz tal-vettura kif hierga mill-fabbrika.*

*Fl-2008 l-**Artikolu 8** tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta kien jipprovdi li t-taxxa ghandha tkun dovuta ad valorem fuq il-valur ta' registrazzjoni ta' vettura bil-mutur li jkollha klassifika jew klassifika provizorja skond **l-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet jew ir-Raba' Skeda** li jinsabu ma' dan l-Att bir-rata jew fl-ammont hemm specifikat ghar-rigward ta' kull kategorija rispettiva suggett ghal kull inqas ammont ta' taxxa hemm specifikat, u l-**Artikolu 9** ta' l-imsemmi Kapitolu tal-*

*Ligi kien jipprovdi li (1) il-valur ta' registrazzjoni ta' vettura bil-mutur importata gewwa Malta ghandu, kemm-il darba ma jigix preskritt mod iehor, jigi stabbilit bl-istess mod bhal dak provdut fl-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni jew f'kull ligi ohra li tidhol minflok dak l-Att ghar-rigward tal-valur li fuqu ghandu jithallas id-dazju ad valorem fuq oggetti importati gewwa Malta u ghal dan il-ghand id-disposizzjonijiet ta' dak l-Att jew ta' dik il-ligi li tidhol minflok dak l-Att kif imsemmi qabel ghandhom ikunu jghoddu mutatis mutandis ghal dan l-Att. (2) Il-valur ta' registrazzjoni ta' vettura bil-mutur manifatturata f'Malta ghandu, kemm-il darba ma jigix preskritt mod iehor, ikun il-prezz tal-vettura kif hierga mill-fabbrika. (3)* ***Fejn il-valutazzjoni ta' vettura*** **bil-mutur uzata tkun tiddetermina li dik il-vettura tiswa inqas mill-valur li jkun jidher fuq il-fattura li tappartjeni lil dik il-vettura, il-valur tar-registrazzjoni ta' dik il-vettura uzat ghal skop tat-taxxa tar-registrazzjoni ghandu jkun dak li jkun qed jidher fuq il-fattura li tkun tappartjeni lil dik il-vettura**. *Ai termini ta' l-***Artikolu 2** *"valur ta' registrazzjoni" tfisser il-valur tal-vetturi, u fejn applikabbli, l-ispiza tal-garr u l-assigurazzjoni maghduda flimkien ghall-finijiet ta' taxxa ta' registrazzjoni u "valutazzjoni" tfisser il-valutazzjoni li ssir mill-Awtorità fir-rigward ta' vetturi uzati li jingiebu f'Malta minn Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jew mid-Dwana fil-kaz ta' vetturi uzati importati minn pajjizi ohra biex ikun jista' jigi determinat kemm tkun tiswa attwalment vettura bil-mutur uzata.*

*Ir-rata ta' taxxa applikabbli fl-2008 ghal vetturi bil-mutur uzati ghall-garr ta' merkanzija bic-chassis iffittjat u kabina – taht liema kategorija jaqghu l-vetturi meritu tal-kontestazzjoni odjerna, u dan kif jirrizulta mix-xhieda tar-Rikorrent u mill-avvizi dwar it-taxxa ta' registrazzjoni dovuta mharuga mill-Awtorità intimata – kienet ta' 57.5% tal-valur ta' registrazzjoni izda mhux inqas minn €3,447 kull vettura.*

*Fl-2009 kemm l-Artikolu 8 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta gew sostitwiti bis-sahha ta' l-Att VI ta' l-2009 li dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar 2009. L-**Artikolu 8** ghalhekk gie jipprovdi li (1) It-taxxa ta' registrazzjoni ghandha tkun dovuta fuq il-valur tar-registrazzjoni tal-vettura bil-mutur klassifikata jew klassifikata provvisorjament taht l-Ewwel, it-Tieni jew it-Tielet Skeda ta' dan l-Att, bir-rata jew bl-ammont specifikat skond il-kategorija rispettiva u skond il-kriterji identifikati taht kull Skeda: Izda fir-rigward ta' vetturi M1 uzati klassifikati skond it-Tieni Skeda barra minn dawk klassifikati taht is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att, ma ghandhomx jaqbzu l-valur ta' taxxa deprezzata li jkun fadal tal-vettura bil-mutur identika jew simili fis-suq Malta. (2) Id-dritt ghal licenza ta' cirkolazzjoni ghandu jkun dovut fuq il-licenzjar ta' vettura bil-mutur registrata taht dan l-Att bir-rata specifikata fir-Raba' Skeda ta' dan l-Att u kull sena wara l-ewwel hlas. (3) Fejn vettura bil-mutur, li tkun digà registrata mill-Awtorità, titwahlilha makna gdida jew il-makna taghha tigi mghammra b'apparat li ghalih ikun hemm fis-sehh certifikat ta' konformità mahrug mill-manifattur, u allura tkun tikkwalifika ghal livelli mnaqqsa ta' emissjonijiet ta' CO2 jew ta' materja partikolata, dik il-vettura tikkwalifika ghad-dritt ta' licenza ta' cirkolazzjoni applikabbli ghal dawk il-livelli mnaqqsa ta' emissjonijiet ta' CO2 jew ta' materja partikolata: Izda dik il-vettura tkun koperta minn certifikat ta' emissjonijeit mnaqqsa mahrug minn ezaminatur awtorizzat jew minn facilità ghall-ittestjar akkreditata. L-**Artikolu 9** gie jipprovdi li: (1) Il-valur ta' registrazzjoni ta' vettura bil-mutur gdida importata jew migjuba f'Malta jew manifatturata f'Malta ghandu jkun il-prezz imnizzel fil-fattura, u ukoll, fejn applikabbli, l-assigurazzjoni u l-garr. (2) **Il-valur ta' registrazzjoni ta' vettura bil-mutur uzata importata jew migjuba f'Malta ghandu jitqies li jkun il-medja tal-valur tas-suq ta' vetturi bil-mutur identici, ekwivalenti jew simili fis-suq Malti, u dak il-valur ghandu jigi kalkolat billi jigi deprezzat il-valur tal-fattura tal-***

***manifattur kif ukoll, meta jkun japplika, l-assigurazzjoni u l-garr ta' dik il-vettura importata jew migjuba f'Malta bhala gdida jew manifatturata f'Malta hekk kif ikun il-valur fis-suq Malti prezenti: Izda l-valur fis-suq Malti prezenti ghandu jigi determinat fil-waqt li tigi imposta t-taxxa fuq il-vettura bil-mutur13***.

*Bis-sahha ta' l-istess Att VI ta' l-2009 it-tifsiriet ta' "valur ta' registrazzjoni" u "valutazzjoni" kif introdotti bl-Att XXXII ta' l-2007 gew imhassra u giet introdotta t-tifsira ta' "VR" li tfisser il-valur ta' registrazzjoni tal-vettura bil-mutur skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 9 ta' dan l-Att.*

*Ir-rata ta' taxxa ghal vetturi bil-mutur uzati ghall-garr ta' merkanzija b'chassis iffittjati b'makna u kabina baqghet ta' 57.5% izda mhux inqas minn €3,477 ghal kull vettura. Mill-provi prodotti u senjatament mill-avvizi mahruga mill-Awtorità intimata14 jirrizulta wkoll li f'kaz ta' vetturi kummercjali filwaqt li fl-2008 oltre t-taxxa ta' registrazzjoni kienet tigi imposta wkoll taxxa fuq il-valur mizjud, fl-2009 kienet tigi imposta biss it-taxxa ta' registrazzjoni mahduma kif provdut fl-Artikolu 9 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Minn dawn id-disposizzjonijiet tal-Ligi johrog car ghalhekk illi filwaqt li r-rata ta' taxxa applikabbli ghall-kategorija ta' vetturi li tahta jaqghu l-vetturi meritu tal-kontestazzjoni baqghet l-istess bejn l-2008 u l-2009, il-mod ta' kif jigi determinat il-valur ta' registrazzjoni tal-vettura ghall-fini li tigi kalkolata t-taxxa ta' registrazzjoni, anke fejn din tkun vettura uzata, inbidel bejn l-2008 u l-2009.*

*Mir-Rikors promotur u mix-xhieda li ta r-Rikorrent waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ottubru 2011, johrog car li hu mhux qed jikkontesta l-korrettezza per se tal-kalkolu tal-valur ta' registrazzjoni kif mahdum mill-Awtorità intimata skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 9 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta kif fis-sehh fl-2009 ghall-fini li tinhadem it-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi in kwistjoni,*

*izda jikkontendi li fil-kaz tieghu l-Awtorità ma kellhiex tahdem il-valur ta' registrazzjoni tal-vetturi skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 9 tal-Kap.368 kif in vigore fl-2009 izda kellha zzomm ferm mal-valutazzjoni maghmula fl-2008 u b'hekk titlob hlas skond l-avvizi li kien ircieva f' Lulju 2008. In effetti t-talba ghar-refuzjoni hija appuntu ghar-refuzjoni tad-differenza bejn l-ammonti ta' taxxa ta' registrazzjoni minnu mhallsa fid-29 ta' Settembru 2009 u l-ammonti ta' taxxa kif indikati lilu fl-2008: (a) €6,074.8815 - €3,84116 = €2,233.88 u (b) €4,959.3817 - €3,447.4718 = €1,511.91 – komplessivament ammontanti ghal €3,745.79.*

*Fil-fehma tat-Tribunal però l-kontestazzjoni tar-Rikorrent hija guridikament insostenibbli ghas-segwenti ragunijiet:*

*Fl-ewwel lok il-bidla li sehhet bejn l-2008 u l-2009 fir-rigward ta' registazzjoni u licenzjar ta' vetturi importati f'Malta, inkluz vetturi uzati, ma kenitx semplici bidla ta' policy da parte ta' l-Awtorità intimata kif donnu pretiz mir-Rikorrent, izda inbidlet il-**Ligi** li tirregola r-registrazzjoni u licenzjar ta' vetturi f'Malta, liema Ligi l-Awtorità intimata hija obbligata li tosserva u tenforza.*

*Apparte minnhekk kien ir-Rikorrent li ma kkonkludiex il-process ta' registrazzjoni tal-vetturi in kwistjoni entro l-perijodu moghti lilu mill-Awtorità intimata jew ta' l-inqas entro l-2008, bil-konsegwenza li meta rega' mar biex jirregistra l-vetturi in kwistjoni f'**Settembru 2009** ir-registrazzjoni u licenzjar ta' vetturi importati f'Malta kienu regolati b'disposizzjonijiet tal-Ligi godda.*

*Fl-2008 il-process ta' registrazzjoni ta' vetturi uzati importati f'Malta kien regolat mir-Regolamenti ta' l-2004 dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur19 u ai termini tar-Regolament 7(2) persuna li timporta vettura bil-mutur uzata skond ma jinghad f'dan ir-regolament ghandha, fi zmien hamest ijiem ta' xoghol minn meta l-vettura bil-mutur tasal Malta, tgharraf lill-Awtorità b'dik l-importazzjoni, fuq il-formola preskritta, u ghandha tirregistra*

*dik il-vettura ma' l-Awtorità fi zmien 30 gurnata minn dik in-notifika. Ai termini tas-subregolament (4) ta' l-imsemmi Regolament ir-registrazzjoni ta' vettura bil-mutur uzata li tkun giet impurtata ghandha ssir mill-Awtorità wara li l-Awtorità tohrog il-formola ta' spezzjoni u valutazzjoni u wara li jsir il-hlas mis-sid, importatur jew negozjant ta' Lm15 [€34.94] ghall-valutazzjoni u spezzjoni tal-vettura u, fil-kaz ta' vetturi kummercjali dritt ta' Lm10 [€23.29] u wara – (a) li jkunu pprezentati d-dokumenti msemmija fis-subregolament (3) ta' dan ir-regolament u tithallas it-taxxa fuq ir-registrazzjoni ta' vetturi li ghandha tithallas skond l-Att dwar Taxxa ta' Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur, jekk il-vettura tkun ingabet minn Stat Membru, u (b) li jkunu pprezentati d-dokumenti msemmija fis-subregolament (3) ta' dan ir-regolament u jithallsu d-dazju ta' importazzjoni li ghandu jithallas skond l-Att dwar id-Dazji ta' Improtazzjoni, u t-taxxa fuq ir-registrazzjoni ta' vetturi li ghandha tithallas skond l-Att dwar Taxxa ta' Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur, jekk il-vettura tkun ingabet minn pajjiz terz.*

*Minn dawn id-disposizzjonijiet tal-Ligi johrog car li fl-2008 il-process ta' registrazzjoni ta' vettura kellu isir entro terminu ta' zmien prefiss u kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, ebda applikant ma seta' jippretendi li wara li jinnotifika lill-Awtorità bl-importazzjoni tal-vettura/vetturi u wara li jinhariglu l-avviz ghall-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni u taxxa fuq il-valur mizjud [li kienet tigi imposta dak iz-zmien], jghaddi biex ihallas it-taxxi mitluba u b'hekk jikkonkludi l-process ta' registrazzjoni meta jrid u jfettillu, u per di più li jibqa' immuni minn kull tibdil li jista' jkun hemm fil-Ligi dwar ir-registrazzjoni u licenzjar ta' vetturi u fir-Regolamenti relattivi.*

*Mill-provi prodotti johrog ferm car li ghalkemm fl-2008 ir-Rikorrenti gie dirett ihallas it-taxxi dovuti fuq kull wahda miz-zewg vetturi in kwistjoni u b'hekk jikkonkludi l-process ta' registrazzjoni entro termini ta' zmien stabbiliti: entro l-**14 ta' Awwissu 2008** ghal dak li jirrigwarda l-vettura bin-Numru ta'*

*Registrazzjoni SP02NWN20 u entro l-**25 ta' Awwissu 2008** ghal dak li jirrigwarda l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni M240MFX21, huwa dan naqas milli jaghmlu. Ir-Rikorrent rega' mar biex jirregistra l-vetturi in kwistjoni **fid-29 ta' Settembru 2009**, u cioè iktar minn sena wara u fi zmien meta kienu in vigore regolamenti differenti minn dawk fis-sehh fl-2008.*

*Ir-Rikorrent jipprova jiggustifika dan id-dewmien billi jghid li l-vetturi in kwistjoni kienu jehtiegu ammont konsiderevoli ta' xoghol ta' tiswija billi kienu danggejati. Fir-Rikors promotur jghid illi l-appellant xtaq jaghmel dawn it-tiswijiet konsiderevoli sabiex il-vetturi de quo ikunu tajbin ghat-triq qabel ma' jirregistrahom ghat-triq. ... in segwitu ghar-regolamenti godda ta' l-2009 li permezz taghhom persuni li jimpurtaw vetturi gewwa Malta u ma jkunux irregistrawhom jehlu penali ezorbitanti kuljum sakemm ihallsu r-registrazzjoni, ikkuntatja l-ADT sabiex ihallas it-taxxa dovuta fuq dawn iz-zewg vetturi22. Però meta xehed waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ottubru 2011 huwa biddel il-versjoni u jghid li kienet l-Awtorità intimata li esigiet li jsiru dawn ix-xoghlijiet u donnu jimplika li fir-rigward ta' wahda minnhom id-dewmien kien kollu ghal xejn ghaliex fl-ahhar mill-ahhar l-Awtorità infurmatu li c-certifikat ta' l-ingieer ma kellhiex bzonnu: meta mort biex inhallas lill-Awtorità il-meta mort biex inhallas lill-Awtorità, il-persuna li kellmitni fil-counter li però ma nafx x'jisimha qaltli li ma stajtx inhallas dawn l-ammonti u nohrog dawn il-vetturi fit-triq peress li kienu damaged u riedet certifikat minn Inginier li saru it-tiswijiet fuqhom u allura gew tajbin. Jiena staqsejtha jekk ridtx naghmel VRT u infurmatni li l-VRT wahdu ma kienx bizzejjed. F'dak l-istadju allura jiena staqsejt lil din il-persuna jekk vetturi registrati però minflok ma jinhargu fuq it-triq jigu garaged ma setghatx tirrispondini u qabditni ma' certu Gilbert Agius. Jiena nahseb li kien jismu Gilbert Agius ghalkemm ma nafx mija fil-mija certa. Din il-persuna ghall-inqas kien qalli li xorta ma setghux jaccettaw li l-vetturi jigu registrati anki jekk jigu garaged; riedu bilfors certifikat ta' l-Inginier. Meta*

*sirt naf hekk jiena bdejt naghmel ix-xoghlijiet fuq dawn iz-zewg vetturi. Ix-xoghlijiet hadu certu ammont ta' zmien ghax jiena naturalment kelli nibqa' ghaddej bix-xoghol li kelli. Eventwalment certifikati hargu però c-certifikat ta' wahda mill-vetturi ma huwiex ghandi izda qieghed fil-file ta' l-Awtorità. Fir-rigward ta' vettura ohra minnhom qaluli li c-certifikat ma kellhomx bzonnu u dana billi mill-Ingilterra d-danni fil-vetturi jigu kklassifikati u z-zewg vetturi wahda kienet Category C u l-ohra Category D. Tal-Category C riedu c-certifikat minhabba t-tip ta' danni filwaqt li l-vetura li kienet taqa' taht il-Category D ma kellhomx bzonn ic-certifikat. Malli l-Inginier harigli c-certifikat jiena mort mal-ewwel l-ADT biex inhallas it-tax registration dovuta fuq iz-zewg vetturi*

*It-Tribunal ma jistax jonqos milli josserva li r-Rikorrent ma ressaq ebda prova li sodisfacentement tikkorobora dak minnu affermat fir-rigward tax-xoghlijiet fuq il-vetturi in kwistjoni u dana partikolarment fid-dawl tal-fatt li dak minnu affermat fir-Rikors promotur ma giex minnu stess ikkonfermat bix-xhieda li ta fl-24 ta' Ottubru 2011. Apparte dan però xorta jibqa' l-fatt li r-Rikorrent naqas milli josserva t-termini prefissi mill-Awtorità ghall-konkluzjoni tal-process ta' registrazzjoni tal-vetturi meritu tal-kontestazzjoni u rega' mar jirregistra dawn iz-zewg vetturi biss fid-29 ta' Settembru 2009 fi zmien meta, jigi ribadit, kien hemm regolamenti differenti in vigore.*

*Ir-Rikorrent jaghmel hafna enfasi fuq il-fatt li maz-zmien l-Awtorità intimata ma baqghetx tibbaza l-valutazzjonijiet taghha fuq Glass's Car Guide Book izda bdiet tibbazhom fuq gwida differenti. Fil-fehma tat-Tribunal fic-cirkostanzi tal-kaz dan il-fatt ftit li xejn ghandu rilevanza ghar-raguni li kif già osservat ir-Rikorrent ma ikkompletax il-process ta' registrazzjoni tal-vetturi in kwistjoni entro t-terminu prefiss mill-Awtorità fl-avvizi mahruga f'Lulju 2008 jew ta' l-inqas matul dik is-sena, izda rega' mar jirregistrahom fl-2009 meta kien hemm*

*provvedimenti tal-Ligi godda in vigore, liema provvedimenti l-Awtorità kienet obbligata li tapplikhom anke fil-konfront tar-Rikorrent.*

*Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk tirrizulta gustifikata l-affermazzjoni ta' l-Awtorità intimata li d-decizjoni taghha li timponi taxxa ta' registrazzjoni ammontanti ghal €6,074.88 fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni SP02NWN u taxxa ta' registrazzjoni ammontanti ghal €4,959.38 fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni M240MFX kienet legali u gusta. Konsegwentement ghalhekk l-appell interpost mir-Rikorrent minn dik id-decizjoni ta' l-Awtorità intimata ma jisthoqqx li jigi milqugh.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal filwaqt li jordna korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri u kull fejn mehtieg fl-atti tal-kawza billi l-kliem "Awrotià dwar it-Trasport ta' Malta" jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "Awtorità ghat-Trasport f' Malta", jichad it-talbiet tar-Rikorrent. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-Rikorrent."*

Illi l-appellanti Josef Borg Grech appella minn dina id-decizjoni abbazi tas-segwenti aggravvji:

1. illi l-applikazzjoni tat-tibdil fil-ligi introdotta bl-att VI tal-2009, ossija sena wara dik li fiha gew importati l-vetturi mertu tal-kaz, ma bidlitx il-matematika li permezz taghha l-Awtorita appellata wasslet ghal kalkolu finali taghha tat-taxxa dovuta mill-appellanti fuq iz-zewg vetturi minnu importati. L-applikazzjoni tar-rata ta' taxxa bejn l-2008 u l-2009 baqghet konsistenti ghall-vetturi fil-kategorija maghrufa bhala Vetturi N1 (vettura uzata ghal garr ta' merkanzija u li ghandha piz massimu ta' mhux izjed minn 3.5 tunnellati) ossija dik ta' 57.5%.

2. Illi l-Awtorita appellata li qabel l-2009 kienet tuza linji gwida maghrufa bhala Glass's Car Guide Book, li huwa indici mahdum l-Ingilterra dwar indikazzjoni tal-valur tal-vettura importata mill-Ingilterra, mal-introduzzjoniji tal-bidliet fil-ligi fl-2009 bidlet din l-*policy* u minflok bdiet tuza indici Ingliz iehor maghruf bhala CAP guide. Dan ghaliex l-Awtorita insistiet illi qabel ma tirregistra il-vetturi, l-appellanti kellu jezegwixxi it-tiswijiet kollha necessarji sabiex jirrenduhom tajba ghat-triq u kwindi ibbazaw il-kalkolazzjoni tat-taxxa mhux fiz-zmien illi l-vetturi gew importati, izda fiz-zmien meta kienu lesti it-tiswijiet fuqhom u dan ghalkemm l-appellanti kien talab lill-Awtorita appellata sabiex ihallas it-taxxa dovuta fuqhom mal-importazzjoni u imbaghad jiggaraxxjahom sakemm isiru t-tiswijiet. L-Awtorita, izda fuq bazi ta' *policy* u mhux ta' ligi irrifjutat taghmel dan ghad-detriment ta'l-appellanti li spicca kellu ihallas taxxa ferm oghla billi din kellha tithallas wara l-1 ta' Jananr 2009, meta l-Awtorita sussegwentement ghal-bdil fil-ligi, biddlet il-linji gwida li abbazi taghhom tigi ikkalkolata t-taxxa dovuta.

Illi l-kontestazzjoni ewlenija imressqa mill-appellanti kemm quddiem dina l-Qorti kif ukoll quddiem it-Tribunal hija dwar id-differenza bejn it-taxxa ta' registrazzjoni li huwa gie mitlub sabiex ihallas fuq zewg vetturi importati minnu mill-Ingilterra fl-2008, u cioe' fiz-zmien meta effettivament saret l-importazzjoni, u dik mitluba minnu f-2009 meta huwa fil-fatt irregistra dawn il-vetturi u hallas dak li kien dovut minnu. Illi huwa fatt inkontestat illi fl-14 u fil-25 ta' Lulju 2008 inharrgu zewg avvizi lill-appellanti fejn huwa gie intimat sabiex ihallas it-taxxa dovuta skont il-ligi vigenti f'dak iz-zmien u ghal dan gie moghti terminu ta' xahar. Illi dan il-hlas madanakollu baqa' ma sarx mill-appellanti. Ir-raguni wara dan in-nuqqas hija piuttost neboluza u dan ghaliex filwaqt illi fir-rikors promotur l-appellanti jishaq illi kien hu minn jeddu li

iddecieda ma jaghmilx dan il-hlas u dan sakemm isiru it-tiswijiet necessarji fuq dawn iz-zewg vetturi li kellhom diversi hsarat, madanakollu meta huwa xehed quddiem it-Tribunal jikkontendi illi kienet l-Awtorita appellata li irrifjutat li tirregistrahom billi kien hemm bzonn certifikat ta' inginier li jikkonferma li dawn iz-zewg vetturi kienu f'kundizzjoni jinsaqu fit-triq. Jikkontendi illi dan seta' isir biss wara li jigu effetwati ir-riparazzjonijiet fuqhom, liema process hadlu certu tul ta' zmien sabiex imbaghad huwa wasal biex irregistrahom 'il fuq minn sena wara u cioe' fl-2009 meta imbaghad kienu dahhlu fis-sehh l-emendi ghal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta'l-Att VI tal-2009. Illi *di piu'* sar tibdil fil-*policy* uzata mill-Awtorita ghal-valutazzjoni tal-vetturi ghal skopijiet ta' registrazzjoni fejn filwaqt li qabel l-2009 kienu jigu addotati il-kriterji stabbiliti fl'hekk imsejjah *Glass Car Guide Book*, wara l-2009 bdew jigu applikati il-*guidelines* imfassla mill-CAP gewwa l-Ingilterra.

Illi dak affermat mill-appellanti, madanakollu huwa kontradett minn Joseph Mifsud rapprezentant ta'l-Awtorita, u li kien involut fil-kaz in dizamina, li xehed illi ghal fini ta' valutazzjoni ta' vettura bil-ghan li din tigi registrata l-kundizzjoni tal-vettura ma tittehditx in konsiderazzjoni, u dan wara is-sena 2007. Jishaq illi ic-certifikat ta'l-Ingineer ma jintalabx ghal skopijiet ta' registrazzjoni, izda jintalab minn naha tal-Licensing Department u dan sabiex jigi ikkonfermat qabel ma tinhareg il-licenzja ghat-triq ta' vettura li ikun fiha ammont ta' hsara, illi din tkun issewwiet u ghalhekk hija *roadworthy*. Dan ifisser allura illi l-konsiderazzjonijiet maghmula mit-Tribunal huma gusti kemm legalment kif ukoll fattwalment u dan ghaliex huwa ben car illi kien nuqqas minn naha ta'l-appellanti li ma ihallasx it-taxxa ta' registrazzjoni fit-terminu moghti lilu fiz-zewg avvizi mahruga fl-14 ta' Lulju 2008 u 25 ta' Lulju 2008, u li mhuwiex minnu illi ir-registrazzjoni giet irrifjutata mill-Awtorita minhabba fil-hsara li kien fihom il-vetturi, kif allegat mill-appellanti. Fil-fatt l-istess Mifsud jishaq ukoll illi sabiex saret il-valutazzjoni tal-vetturi mertu tal-kaz

dejjem intuzaw il-kriterji infassal mill-Glass Car Guide Book u mhux kif allegat mill-appellanti fit-tieni aggravvju minnu imressaq.

Dan premess allura il-Qorti ma tara l-ebda raguni 'il ghala ghandha titbieghed mill-apprezzament tal-provi maghmul mit-Tribunal li kien tal-fehma illi l-appellanti ma kienx irregistra l-vetturi minnu importati fit-terminu lilu koncess u meta imbaghad iddecieda finalment li jaghmel dak li kien legalment tenut illi jaghmel minnufih wara li jimporta l-vetturi mill-Ingilterra, kienu dahhlu fis-sehh regolamenti godda li kienu iktar oneruzi bil-konsegwenza li l-ammont imbaghad dovut minnu mal-mument ta' registrazzjoni kien zdied konsiderevolment. Dan ghaliex kif gustament ikkonkluda it-Tribunal ghalkemm ir-rata ta' taxxa applikabbli ghal vetturi mertu tal-kaz baqghet l-istess u cioe' dik ta' 57.5%, izda l-mod kif jigi determinat il-valur ta' registrazzjoni tal-vettura ghal fini li tigi ikkalkolata dina t-taxxa inbidel. Dan ghaliex l-artikolu 9(2) ta'l-Att jaqra illi:

**"Il-valur ta' reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur użata jew importata jew miġjuba f'Malta għandu jitqies li jkun il-medja tal-valur tas-suq ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq Malti, u dak il-valur għandu jiġi kalkolat billi jiġi deprezzat il-valur tal-fattura tal-manifattur kif ukoll, meta jkun japplika, l-assigurazzjoni u l-ġarr ta' dik il-vettura importata jew miġjuba f'Malta bħala ġdida jew manifatturata f'Malta hekk kif ikun il-valur fis-suq Malti preżenti:**

**Iżda l-valur fis-suq Malti preżenti għandu jiġi determinat fil-waqt li tiġi imposta t-taxxa fuq il-vettura bil-mutur."**

Dan necessarjament ifisser, allura, li l-valutazzjoni li kienet saret fl-2008, meta gew importati il-vetturi, ma baqghetx tiswa, ghaliex dak li kellu jittiehed in konsiderazzjoni kien il-valur fil-mument illi tigi imposta t-taxxa fuq il-vettura u allura f' Settembru 2009 meta l-appellanti rega' mar biex effettivament jirregistra l-vetturi tieghu u ihallas it-taxxa relattiva.

Dan kollu premess, il-Qorti ma tarax illi l-appellanti ghandu ragun fl-ilmenti minnu imressqa, li fuq kollox huma kontestazzjonijiet li gew kollha indirizzati mit-Tribunal *in extenso* fid-decizjoni impunjata. Fuq kollox:

**"Kif jinghad minn Powell, citat fis-sentenza Vol. XXXVI P I p 329, «*in the administration of justice, as in ordinary life, we have often to deal with competitive 'probabilities'. The tribunal must not look for more than what is moral certainty; it should not act on a mere possibility. But a large field lies between these two extremes. The whole object of evidence is to create a conviction in the mind of a reasonable and practical man; and such conviction must be based upon the facts proved by express evidence and on the inference which naturally and probably arise form them …*». Fl-istess sentenza hemm ukoll citat Taylor li jghid «*in trials of fact the true question is not whether it is possible that the testimony may be false, but whether there is sufficient probability*»". (Ara "Diana Harvey nomine et proprio -vs- Concetta sive Cissie Attard", Appell Kummercjali, 11 ta' Gunju, 1968).**

Premess dan dina l-Qorti ma tarax illi t-Tribunal b'xi mod ippekka fil-gudizzju minnu raggunt.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata, bl-ispejjez ikunu ghak-karigu ta'l-appellanti.

(ft) Edwina Grima

Imhallef.

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat RegistraturP